*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,383, 27 ta' Frar, 2009*
*Taqsima B*

**A.L. 53 tal-2009**

## ATT DWAR l-AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA (KAP. 352)

### Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentri ta' *Yachting*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 27, 28 u 52 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità Marittima ta' Malta u flimkien mal-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti ta' l-2009 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentri ta' *Yachting*, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar iċ-Ċentri ta' *Yachting*, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 71 ta' l-1992.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2009.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Minflok in-noti ta' spjegazzjoni (A) sa (G) fis-sezzjoni intitolata bħala "Noti" fil-paragrafu (2) ta' l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Noti:

(A) Kategorija 1 – Bid-dazju mħallas jew mibnijin f'Malta – jieħdu skont ta' 25%.

Kategorija 2 – Reġistrati Malta – jieħdu skont ta' 15%.

Kategorija 3 – Oħrajn.

(B) Jottijiet ta' qies A sa G jingħataw irmiġġ fuq il-*pontoons*.

(Ċ) Ikun hemm ħlas għall-ilma u l-elettriku bir-

VERŻJONI ELETTRONIKA

rata ta' €24 għal kull metru jew parti minn metru għal kull sena fuq mollijiet u *pontoons* li jkollhom is-servizzi iżda li ma jkollhomx arloġġi ta' l-ilma u l-elettriku.

(D) Jottijiet ta' qies H jingħataw irmiġġ fuq moll fejn il-ħlas għall-ilma u l-elettriku jitħallsu separatament skond il-konsum. Ir-rati li jidhru hawn qabel għal qies H jitħallsu kull metru jew parti minn metru.

(E) Fl-irmiġġi ta' fuq il-*pontoons*, matul kuntratt annwali, kuntratt tas-sajf jew kuntratt tax-xitwa, ir-rati jiżdiedu bi 30% meta l-jottijiet ikunu qed jintużaw biex joqogħdu fihom.

(F) Il-kuntratt tax-xitwa jkopri l-perijodu mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' April, filwaqt li l-kuntratt tas-sajf ikopri l-perijodu mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Settembru.

(Ġ) Opri tal-baħar li huma *multihull* iħallsu darba u nofs l-ammont tar-rati normali (150%).".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 53 of 2009**

## MALTA MARITIME AUTHORITY ACT
## (CAP. 352)

### Yachting Centres (Amendment) Regulations, 2009

IN exercise of the powers conferred by articles 27, 28 and 52 of the Malta Maritime Authority Act, the Minister for Infrastructure, Transport and Communications, in consultation with the Malta Maritime Authority and in concurrence with the Minister of Finance, the Economy and Investment, has made the following regulations:

**1.** (1) The title of these regulations is the Yachting Centres (Amendment) Regulations, 2009 and they shall be read and construed with the Yachting Centres Regulations, 1992, hereinafter referred to as "the principal regulations". Citation, and commencement. L.N. 71 of 1992.

(2) These regulations shall be deemed to have come into force on the 1st of January, 2009.

**2.** The explanatory notes (A) to (G) found in the section titled as "Notes" of paragraph (2) of the Schedule to the principal regulations shall be substituted with the following: Amends the Schedule of the principal regulations.

"Notes:

(A) Category 1 – Duty paid or built in Malta – subject to a 25% discount;

Category 2 – Registered in Malta – subject to a 15% discount;

Category 3 – Other.

(B) Yachts sizes A to G will be berthed on pontoons.

(C) A water and electricity charge will be levied at the rate of €24 per running metre or part thereof per annum on serviced quays and pontoons having no water and electricity meters.

(D) Yachts of size H will be berthed on quays where water and electricity charges will be paid separately.

VERŻJONI ELETTRONIKA



The rates shown above for size H are charged per running metre or part thereof.

(E) A 30% surcharge will be levied on yachts that are "lived upon" on pontoon berths on an annual, summer or winter contract.

(F) The winter contract covers the period from 1st October to 30th April, whilst the summer contract covers the period from 1st May to 30th September.

(G) Multihulled craft pay one and a half times the normal rates (150%).".

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.19